MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 453/2009

**Malta Industrial Parks Limited**

**-vs-**

**Marsalite Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta’ Mejju 2009 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

1. Illi permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Anthony Attard, Aġent Nutar tal-Gvern, tad-dsatax (19) ta’ Settembru elf disa’ mija u tnejn u sittin (1962) (Dok. A), il-Gvern ta’ Malta kera lis-soċjeta’ konvenuta (dakinhar jisimha “Jablo Plastic Industries (Malta) Limited”) porzjon ta’ art fil-Qasam Industrijali tal-Marsa tal-kejl superfiċjali ta’ ċirka sitta u erbgħin elf pied kwadru (46,000 sq. ft)

ekwivalenti għal erbat elef, mitejn u tlieta u sebgħin punt ħamsa erbgħa metri kwadri (4,273.54m²), konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma’ toroq pubblici, mit-tramuntana u mil-lvant ma’ beni tal-Gvern, kompriżi fabbrika u uffiċini eriġendi (liema beni llum huma magħrufa bin-numru MRA026 gja A26) u dan għal perjodu ta’ sittax (16)-il sena prorogabbli għal perjodi oħra ta’ għaxar (10) snin-il wieħed sa massimu ta’ sitta u erbgħin (46) sena;

2. Illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta’ l-Artijiet u ta’ l-Avviżi Legali tliet mija u sittin u tliet mija u wieħed u sittin tas-sena elfejn u erbgħa (A.L. 360, 361 ta’ l-2004), is-soċjeta’ esponenti assumiet kull jedd jew obbligu ta’ amministrazzjoni tal-beni *de quo* għan-nom tal-Gvern ta’ Malta fir-rigward tal-beni immobbli mogħtija in lokazzjoni tant li l-kera kellha tibda titħallas għand l-esponenti;

3. Illi minkejja li din il-kirja llum għalqet, is-soċjeta’ konvenuta għadha in okkupazzjoni tal-fond *de quo*;

4. Illi *inoltre* s-soċjeta’ konvenuta baqgħet moruża fil-ħlas ta’ kera fl-ammont ta’ erbgħa u disgħin elf mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€94,232.99) liema ammont jirrappreżenta arretrati ta’ kera sal-wieħed u tletin (31) ta’ Awissu elfejn u tmienja (2008) u dan kif jidher mill-prospett anness u mmarkat “Dok. B”;

5. Illi minkejja li l-istess soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas tali ammont, hi baqgħet inadempjenti u għalhekk is-soċjeta’ esponenti qed tipproċedi bl-odjerna kawża għar-ripresa tal-fond mikri u għall-kononizzazzjoni tal-kreditu lilha dovut;

6. Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attriċi huma eżegwibbli kontra s-soċjeta’ konvenuta u għalhekk jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa sabiex jiġi dispensat s-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-Artikolu 167(1)(b) tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-soċjeta’ konvenuta m’għandhiex eċċezzjoni valida x’tissolleva f’dina l-kawża;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-kirja tal-fabbrika MRA026 ġja' A26 li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa u li saret b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Anthony Attard, Aġent Nutar tal-Gvern, tad-19 ta' Settembru 1962 skadiet u *ciononostante* s-soċjeta' konvenuta naqset milli tiżgombra mill-fond *de quo* filwaqt li baqgħet moruża fil-ħlas tal-kera fl-ammont ta' €94,232.99 u peress li s-soċjeta' konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tissolleva f'din il-kawża, din għandha tinstema' bil-proċedura sommarja speċjali.

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss tiżgombra mill-fabbrika MRA026 (gja A26) fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, u tikkonsenja ċ-ċwievet ta' l-istess fabbrika lis-soċjeta' attriċi.

3. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' €94,232.99 liema ammont huwa dovut lis-soċjeta' istanti *in linea* ta' arretrati ta' kera sal-perjodu li għalaq nhar il-31 ta' Awissu 2008;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet numru 430/09 ippreżentati nhar id-9 ta' Marzu 2009, u bl-imgħax kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta in subizzjoni u b'riserva għal kull jedd ta' azzjoni spettanti lis-soċjeta' attriċi għal-ħlas ta' kwalsiasi somma ulterjuri talvolta dovuta sad-data ta' l-effettiv żgumbrament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta' intimata li tikkontesta l-kawża wara li semgħet l-avukati;

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi; għall-fini ta’ l-iżgumbrament tippprefiġġi terminu ta’ sitt (6) xhur.**

**Spejjeż a kariku tas-soċjeta’ intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------